

relatat ma' stabbiliment li jinsab fi Stat terz, taffettwa b' mod rilevanti l-eżerċizzju tal-libertà ta' stabbiliment fis-sens ta' l-Artikoli 43(KE) sa 48(KE). Dawn id-dispożizzjonijiet ma għandhomx ikunu invokati f'sitwazzjoni dwar stabbiliment bħal dan li jinsab fi Stat terz.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-8 ta' Novembru 2007 —
Fratelli Martini u Cargill
(Kawża C-421/06)**

“L-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata l-invalidità ta' att Komunitarju — Obbligi ta' l-istituzzjonijiet — Awtorità tas-saħħa — Għalf kompost — Indikazzjoni, fuq it-tikketta, tal-perċentwali fil-piż ta' materja prima użata fl-għalf b'tolleranza ta' $\pm 15\%$ tal-valur iddikjarat — Projbizzjoni ta' tqarriq bil-konsumatur”

1. *Domandi preliminari — Risposta li tista' tiġi dedotta b' mod ċar mill-ġurisprudenza — Applikazzjoni ta' l-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura (Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 104(3) (ara l-punt 20)*
2. *Ħarsien tas-saħħa pubblika — Ikel ipproċessat għall-annimali — Direttiva 2002/2 (Regolament 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, Artikoli 8 u 16; Direttiva 2002/2 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, Artikolu 1(4)) (ara l-punt 45 u d-dispożittiv 1)*
3. *Ħarsien tas-saħħa pubblika — Ikel ipproċessat għall-annimali — Direttiva 2002/2 (Artikoli 233 KE u 234 KE; Direttiva 2002/2 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, Artikolu (1)(b)) (ara l-punt 63 u d-dispożittiv 2)*

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Consiglio di Stato — Effetti tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi magħquda C-453/03, C-11/04, C-12/04 u C-194/04 (ABNA *et*) li tikkonstata l-invalidità parzjali tad-Direttiva 2002/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-28 ta' Jannar 2002, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE, dwar iċ-ċirkolazzjoni ta' l-għalf kompost u li tħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 91/357/KEE (ĠU L 63, p. 23) — Obbligu ta' l-istituzzjonijiet li jadottaw att ġdid.

Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 2002/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-28 ta' Jannar 2002, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE dwar iċ-ċirkolazzjoni ta' l-għalf kompost u li tħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 91/357/KEE, li jstipula l-obbligu li, fuq it-tikketti ta' l-għalf kompost, tiġi indikata l-perċentwali fil-piż ta' materja prima użata fl-għalf b'tolleranza ta' $\pm 15\%$ tal-valur iddikjarat f'dak li jirrigwarda din il-perċentwali, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jmux kontra l-Artikoli 8 u 16 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-28 ta' Jannar 2002, li jstabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel, li l-għan tagħhom huwa, b'mod partikolari, li jimpedixxu li l-ittikkettjar u l-preżentazzjoni ta' l-għalf iqarrqu bil-konsumatur.
- 2) Peress li l-Artikolu 1(1)(b) tad-Direttiva 2002/2 jstipula obbligu awtonomu mingħajr rabta ma' l-obbligi stipulati fid-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din id-direttiva, id-dikjarazzjoni ta' invalidità ta' din id-dispożizzjoni, mogħtija mill-

Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2005, *ABNA et* (C-453/03, C-11/04, C-12/04 u C-194/04) ma ħolqotx sitwazzjoni ta' lakuna ġuridika jew ta' inkoerenza li tobbliġa lill-istituzzjonijiet jadottaw emendi sostantivi tad-Direttiva 2002/2.

Fi kwalunkwe każ, l-invalidità ta' dispożizzjoni Komunitarja tirriżulta direttament mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li qed tikkonstataha u huma l-awtoritajiet kif ukoll il-qrati ta' l-Istati Membri li għandhom jistabbilixxu l-konsegwenzi tagħha fis-sistemi legali nazzjonali tagħhom.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-8 ta' Novembru 2007 —
Il-Kummissjoni vs Il-Belġju**

(Kawża C-3/07)

“Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2003/110/KE — Għajjnuna f'każijiet ta' tranżitu — Miżuri ta' tkeċċija bl-ajru — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst”

1. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Suġġett tal-kawża — Insuffiċjenza tat-traspożizzjoni ta' direttiva mingħajr azzjoni leġislattiva (Artikolu 226 KE; Direttiva tal-Kunsill 2003/110, Artikolu 5(2)) (ara l-punti 6, 7)*
2. *Atti ta' l-istituzzjonijiet — Direttivi — Eżekuzzjoni mill-Istati Membri (It-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 249 KE) (ara l-punt 11)*
3. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed in kunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu previst mill-opinjoni motivata (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 13)*